**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs.**

**Anthony Theuma**
**Redeemer Theuma**

Numru: 734/2013

Illum it-tlieta (3) ta' Marzu 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba fil-konfront ta':

**Anthony Theuma** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 422369(M),

u

**Redeemer Theuma** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0444587(M)

[1] Dok. "X" - *a fol.* 79 *et seq.*.

akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, maghmula minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. nhar it-3 ta' Awwissu 2013 gewwa B'Bugia, ghal habta ta' 11:40am fi Triq ix-Xatt ta' San Gorg B'Bugia, ikkommettew serq ta' portmoni iswed u flus kontanti li ma jeccediex l-ammont ta' €23.29c minn fuq il-persuna ta' Rose Galea ta' 67 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza ghad-dannu ta' l-istess persuna Rose Galea Karta tal-Identita' Numru 0118646(M);

2. fl-istess cirkostanza kkagunaw fuq il-persuna ta' Rose Galea ta' 67 sena, feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. J. Agius Muscat M.D.;

3. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba taghhom ikkagunaw lil Rose Galea biza' li ser tintuza vjolenza kontrieha meta kienu jafu jew misshom jafu li dik l-imgieba taghhom ser tikkaguna biza';

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammomt ta' hsara mhux maghruf, fuq vettura numru ta' registrazzjoni BBD 806 ta' ghamla Renault ghad-dannu ta' David Dalli detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 0502366(M);

5. nhar it-3 ta' Awwissu 2013 gewwa z-Zejtun ghal habta ta' 11:00 ta' filghodu, fi Triq Sant' Anglu, Zejtun b'atti esterni taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt u cioé serq ta' *handbag*, liema reat ma sehhx minhabba xi haga nvolontarja u indipendenti mill-volonta' taghhom u li sehh fuq persuna anzjana ta' 76 sena u cioé ghad-detriment ta' Giuseppa Mifsud, detentrici tal-Karta tal-Identita' 0407337(M);
6. fl-istess cirkostanza kkaguna fuq il-persuna ta' Giuseppa Misfud ta' 76 sena, feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. Anton Mifsud M.D.;

7. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba taghhom ikkagunaw lil Giuseppa Mifsud biza' li ser tintuza vjolenza kontrieha meta kienu jafu jew misshom jafu li dik l-imgieba taghhom ser tikkaguna biza';

8. f'Malta xjentament laqghu u/jew xtraw hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

**Lil Anthony Theuma wahdu akkuzat ukoll talli:**

9. ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar il-24 ta' Frar 2010 mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D.;

**Lil Redeemer Theuma wahdu akkuzat ukoll talli:**

10. ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar it-12 ta' Mejju 2012 mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D..

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Nakkuzawhom ukoll talli rrendew ruhhom recidivi b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistghux jinbidlu (Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 18 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 112) li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 261(a), 262, 274(c) u (d), u 276A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) fl-Artikoli 221 u 222A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a), 262, 274(c) u (d), u 276A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikoli 221 u 222A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) fl-Artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) fl-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) fl-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-16 ta' Frar 2015 (*a fol.* 177), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-18 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 112), f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputati ghazlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri u anqas ressqu ebda provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 176A).
Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2015 (*a fol.* 177 *et seq.*).

Rat id-diversi verbali fejn fihom l-imputati nghataw, diversi drabi, l-opportunita' li jaghmlu s-sottomissjonijiet finali taghhom kemm bil-fomm *tramite* l-konsulent legali taghhom u kif ukoll bil-kitba u minkejja dan dawn is-sottomissjonijiet baqghu qatt ma saru.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2016 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2013, xehdet **WPS 219 Erica Abela** (*a fol.* 47 *et seq.*) rigward dak li fit-3 ta' Awwissu 2013 kienet giet infurmata bih minn WPC 313 li rceviet telefonata minn Suzanne Abela li kienet qed issegwi *van* ta' lewn blu bin-numru ta' registrazzjoni KAD 658 li hija kienet ghadha kemm rat li kien involut f'serqa. Tixhed li hi, flimkien ma' PC 550, marret fuq il-post li bdiet tindikalhom Abela, waqqfu dan il-*van* bin-numru ta' registrazzjoni KAD 658 li fih kien hemm iz-zewg imputati. Tghid li mill-*van* gie elevat *handbag* roza. Ezebiet ir-rapport redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "EA 1" (*a fol.* 50 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2013, xehdet ukoll **Rose Galea** (*a fol.* 55 *et seq.*) fejn qalet li fit-3 ta' Awwissu 2013 marret tixtri f'Birzebbugia u wara li qasmet it-triq u waslet f'nofs il-bankina, mar xi hadd, taha daqqa f'nofs dahra u hekk kif daret sabet mara ta' madwar 28-30 sena li haditilha l-*wallet* u telqet tigri. Tispjega li spiccat b'xokk kbir fuqha.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2013, xehdet ukoll **Giuseppa Mifsud** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn qalet li fit-3 ta' Awwissu 2013 hekk kif waslet fejn il-Kunsill Lokali taz-Zejtun, wara li kienet ghadha kemm harget mill-Bank marret mara warajha u bdiet tigbdilha l-basket pero din il-persuna ma rnexxilhiex tohdilha l-basket. Tghid li din il-persuna marret tigri go *van* bin-numru ta' registrazzjoni KAD 658 liema *van* telaq minn fuq il-post.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2013, xehdet ukoll **Suzanne Abela** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn spjegat li fit-3 ta' Awwissu 2013 kienet sejra lejn Birzebbugia, u f'hin minnhom semghet hafna ghajjat, rat *van* f'nofs

ta' triq, liema *van* f'hin minnhom telaq u shaba marru jigru warajh. Tghid li hija rikbet fil-vettura u baqghet issegwi l-*van*, tant li f'hin minnhom dan irriversja u dahal fiha pero ma giet kagunata l-ebda hsara fil-vettura misjuqa minnha. Tghid li baqghet issegwi l-*van* f'liema hin kienet mal-Pulizija fuq it-telefon tant li f'hin minnhom marru l-Pulizija u li eventwalment, minn gol-*van*, hargu z-zewg imputati fejn specifikat li mentri Redeemer Theuma kien passiggier, Anthony Theuma kien ix-xufier.

In kontro-ezami, mistoqsija tghid jekk barra l-imputati kienx hemm xi hadd iehor, tghid li hija ma rat lil hadd iehor.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2013, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Carol Fabri** (*a fol.* 99 *et seq.*) fir-rigward tal-investigazzjonijiet redatti minnha in segwitu tal-fatt li fit-3 ta' Awwissu 2013 giet infurmata li kien hemm *snatch and grab* f'Birzebbugia. Tghid li giet infurmata li ftit wara zewg persuni rgiel kienu twaqqfu mill-Pulizija, liema persuni huma l-imputati. Tghid li pruvaw jidentifikaw mara li kienet mal-imputati u tispjega li f'hin minnhom lemhet mara li kienet minghajr zarbun u kellha *bra top*. Tghid li din qaltilha li kellhom igibulha xi hwejjeg. Tixhed li din il-mara giet arrestata. Ezebiet is-segwenti: dikjarazzjoni taz-zewg imputati, li gew immarkati bhala Dok. "CF 1" u "CF 2" (*a fol.* 102 *et seq.*), ricevuta tal-affarijiet li gew elevati mill-*van* (Dok. "CF 3" – *a fol.* 104), ricevuta rigward kartiera sewda (Dok. "CF 4" – *a fol.* 105), u ricevuta dwar €20.60 li gew elevati mill-imputat Anthony Theuma (Dok. "CF 5" – *a fol.* 106).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Carol Fabri** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 118 *et seq.*) fejn ipprezentat is-segwenti: formalment c-cwievet tal-van bin-numru ta' registrazzjoni KAD 658 (Dok. "CF 3"), *mobile* Nokia iswed (Dok. "CF 4"), ammont ta' flus €20.60 li nstabu fuq l-imputat Anthony Theuma (Dok. "CF 5"), kartiera sewda (Dok. "CF 6"), u certifikat ta' Mary Rose Galea (Dok. "CF 7").

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2013, xehed ukoll **PC 550 George Said**[2] (*a fol.* 107 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tat-3 ta' Awwissu 2013, wara telefonata li giet ricevuta l-Ghassa tal-Pulizija, mar flimkien ma' WPS 219 fil-post fejn beda jigi indikat lilhom minn mara u hekk kif avvicinaw il-*van* blu in kwisjtoni bin-numru ta' registrazzjoni KAD 658 setgha jara liz-zewg imputati fih. Jghid li fuq quddiem kien hemm *pouch* zghir ta' mara u fl-istess hin dahlitilhom informazzjoni li kien hemm *scratch and grab* bl-istess *van* li sehh fil-bajja ta' San Gorg fejn kien hemm mara marret tixtri u gie mahtuf lilha l-*pouch*. Jghid li l-*van* baqa' jigi segwit minn mara safejn huma sabu liz-zewg imputati.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2013, xehdet ukoll **WPS 313 Christine Bonnici** (*a fol.* 109 *et seq.*) fejn qalet li fit-3 ta' Awwissu 2013 irceviet telefonata minn Suzanne Abela li qaltilha li kienet qed issegwi *van* blu bin-numru ta' registrazzjoni KAD 658 li aktarx kien involut f'serqa. Tghid li f'dan il-hin il-Pulizija li kien hemm maghha hargu u hi bdiet tghidilhom fejn Suzanne Abela bdiet tghidilha li tinsab.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2014, xehed **Stephen Cachia**[3] (*a fol.* 115) fejn beda billi qal li huwa jokkupa l-kariga ta' *Administrator* gewwa d-Direttorat ta' Trasport u wara li gie muri Dok. "SC 1" (*a fol.* 87 *et seq.*) qal li din hija ricerka li ghamel hu fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAD 658 li huwa *van* ta' kulur blu li kien ilu registrat fuq Kasem Aswele mill-4 ta' Gunju 2012.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2014, xehed ukoll **PS 1429 Eric Mangion**[4] (*a fol.* 116) fejn ikkonferma li huwa hejja l-okkorrenza li tinsab immarkata bhala Dok. "EM 1" (*a fol.* 91 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2014, xehed ukoll **Stephen Farrugia**[5] (*a fol.* 128 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut setgha jisma

[2] Id-depozizzjoni tieghu kellha terga' tittiehed *stante* li meta ta d-depozizzjoni tieghu fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2013 din ma setghetx tigi traskritta minhabba ragunijiet teknici. *Vide* digriet datat 15 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 95).
[3] *Ibid.*
[4] *Ibid.*
[5] *Ibid.*

mara anzjana tghajjat u setgha jara persuna tigri. Jghid li nduna li l-anzjana kien ghadu kemm insterqilha l-portmoni. Jghid li ghall-ewwel haseb li l-persuna li serqet kienet mara pero ma kienx ezattament cert u minkejja li mar jigri warajha hu stess, dahal *van*, waqaf u blokjah. Dan il-*van* jghid li kien ta' kulur blu skur u li l-imputat Anthony Theuma kien xufier f'dan il-*van*. Jghid li x'hin telaq il-*van*, il-persuna l-ohra ma rahiex aktar.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2014, l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Carlos Cordina** pprezenta zewg certifikati tat-twelid: wiehed ta' Giuseppa Baldacchino (Dok. "CC 7" – *a fol.* 121) u iehor ta' Ruzarja Briffa (Dok. "CC 8" – *a fol.* 122).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2014, xehdet **Caroline Haidon** (*a fol.* 130 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li l-proceduri kriminali li kellha fil-konfront taghha gew mitmuma. Tispjega li f'Awwissu 2013 kienet imressqa l-Qorti minhabba li f'dak ix-xahar ghal xi s-1.00pm serqet portmoni minn idejn mara waqt li kienet kwazi fejn il-bahar int u diehel f'Birzebbugia. Tghid li s-serqa sehhet hekk: *"Jiena nzilt minn gol-van, rajt anzjana bix-xirja, inzilt minn gol-van u hatilha l-portmoni u tlajt nigri fil-van"* (*a fol.* 132). Tghid li maghha kien hemm l-imputati fejn filwaqt li l-imputat Anthony Theuma kien qed isuq, hi tinzel mill-*van* u tghid: *"Redeemer ma tantx kellu dik kbira, involviment kbira fiha l-bicca ta' xoghol, ghax jien ghalija Redeemer huwa bir-rispett kollu pupazz tal-missier"* (*a fol.* 131). Tispjega li ddecidew li dakinhar imorru jisirqu peress li kellu jkun hemm il-pensjonijiet tal-anzjani. Tghid li l-idea gietu l-imputat Anthony Theuma. Tixhed li aktar tard marru Birzebbugia biex ikomplu jisirqu fuq il-bajja u lill-imputati ma sabithomx aktar. Ikkonfermat l-firma taghha fl-istqarrija taghha li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "CC 9" (*a fol.* 124 *et seq.*). Ikkonfermat ukoll il-kontenut ta' din l-istqarrija. Tghid li l-flus li kienu ser jisirqu kienu ser jixtruhom droga.

Fl-istqarrija (Dok. "CC 9" – *a fol.* 124 *et seq.*) Haidon taghti dettalji fuq l-istess linji li tat meta xehdet quddiem il-Qorti. Hi tispjega li pruvat tisraq *handbag* minn fuq mara anzjana miz-Zejtun fejn hemm il-bank HSBC u li serqet portmoni minn fuq mara ohra gewwa Birzebbuga. Tghid li fil-portmoni kien hemm €14.00. Tghid: *"Jiena kont qieghda d-dar u ghal habta ta' 10.45am gew ihabbtu l-bieb ta' dar li*

*nghix fih go Marsascala u qaluli biex immur dawra maghhom. Irrid nghid li huma gew ghalija bil-van Transit u jien mort maghhom. L-ewwel post li morna kien iz-Zejtun u Anthony f'hin minnhom qalli l-kliem "illum ghandhom il-pensjonijiet ta' min nisirqu portmoni". Xi kwarta wara Anthony ra mara u qalli biex nistennew lilha tohrog mill-bank ta' HSBC ta' Zejtun u hekk kif harget jiena hrigt nimxi wara dina l-mara u pruvajt niehu il-handbag. [...] Gewwa B'Bugia rajna mara ohra anzjana mixja wahedha u kellha basket ta' xirja f'idejha, Anthony qalli "tajba dik ara ghandha l-portmoni f'idha" u jiena nzilt u hadtulha billi gbidtu minn idejha"* (*a fol.* 125).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Carlos Cordina** (*a fol.* 137) fejn pprezenta zewg CDs (Dok. "CC 10" u "CC 11" – *a fol.* 139) li fihom filmat mehud mill-Bank HSBC fiz-Zejtun u iehor mill-Kunsill Lokali taz-Zejtun. L-iSpettur Cordina pprezenta wkoll hames sentenzi (Dok. "CC 12" sa "CC 16" – *a fol.* 140 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014, xehed **PS 94 Jack Farrugia** (*a fol.* 156 *et seq.*) fejn spjega li fit-3 ta' Awwissu 2013 kienu saru zewg *snatch and grabs*: wahda saret fiz-Zejtun u ohra f'Birzebbuga. Jghid li kienu gew arrestati l-imputati flimkien ma' tfajla li kienu qed jaghmlu uzu minn *van* bin-numru ta' registrazzjoni KAD 658.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014, xehed ukoll **PC 182 Omar Scicluna** (*a fol.* 158 *et seq.*) fejn ikkonferma li fuq ricevuta mmarkata bhala Dok. "CF 3" (*a fol.* 104) tidher il-firma tieghu. Jghid li dan kien kaz li jikkoncerna *snatch and grab* minn tfajla fuq mara anzjana fejn in segitu ta' telefonata, marru bil-vettura wara l-*van* indikat fejn sabu liz-zewg imputati f'Wied il-Buni. Ikkonferma wkoll li l-firma tieghu tidher ukoll fuq ricevuta mmarkata bhala Dok. "CF 5" (*a fol.* 106).

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "CC 5" – *a fol.* 11 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat **Redeemer Theuma** lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Carlos Cordina, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat imsemmi nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ma hax dan

id-dritt (Dok. "CF 2" – *a fol.* 103), huwa kkonferma li l-gurnata ta' qabel kien go *van* ta' kulur blu flimkien ma' missieru l-imputat Anthony Theuma u kif ukoll ma' Caroline Haidon. Jghid li ma jafx ghala nizlet mill-*van* Caroline Haidon meta kienu z-Zejtun. Jghid li wara z-Zejtun marru Birzebbugia fejn Haidon regghet nizlet tigri mill-*van* u ftit wara dahlet fil-*van* u kienet qed tahbi xi haga. Jghid li ftit hin wara gew arrestati. Mistoqsi jghid jekk jiddispjacihx li Caroline Haidon serqet il-flus lill-anzjani, hu wiegeb li ma jafx x'ghamlet Haidon. Jghid: *"[]]ien ma kelli x'naqsam ma' serq li sar u xi ftehmu Caroline u missieri, ghax jien lil missieri kont diga ghidtlu biex ma jdahhalniex f'basal ghax jien ma nisraqx"* (*a fol.* 13).

Illi fl-istqarrija (Dok. "CC 6" – *a fol.* 15 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat **Anthony Theuma** lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Carlos Cordina, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat imsemmi nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "CF 1" – *a fol.* 102), huwa ma wegibx ghal numru ta' domandi li saru lilu. Jghid li ghandu l-vizzju ta' drogi u ghad-domanda: *"Int iddispjacut ghas-serq li garbu l-bierah 03.08.2013 dawn in-nies anzjani?"* (*a fol.* 18), wiegeb: *"Nahseb li kulhadd jiddispjacieh ux"* (*a fol.* 18). Huwa ma wegibx meta gie mistoqsi jghid min serq l-anzjani. Meta gie mistoqsi jghid jekk kienx lest li jaghti l-*fingerprints*, wiegeb fl-affermattiv u zied jghid: *"ghax cert li m'ghamilt xejn jien"* (*a fol.* 18).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati jinsabu akkuzati b'numru ta' imputazzjonijiet fir-rigward ta' dak allegatament kommess minnhom fit-3 ta' Awwissu 2013. Il-Qorti, minghajr tlaqlieq ta' xejn, tinnota li hija sodisfatta li effettivament z-zewg imputati kellhom rwol dirett flimkien ma' Caroline Haidon fis-serq li riedu jwettqu dakinhar tat-3 ta' Awwissu 2013. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni minhabba diversi ragunijiet, fosthom is-segwenti:

- Caroline Haidon spjegat x'ghamlet hi (kemm meta tat id-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti u kif ukoll fl-istqarrija rilaxxata minnha lill-Pulizija, liema stqarrija giet konfermata bil-gurament quddiem il-Qorti) u x'kienu qed jaghmlu maghha z-zewg imputati dakinhar tat-3 ta' Awwissu 2013 meta kienu fiz-

Zejtun u f'Birzebbugia. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghala m'ghandhiex temmen il-verzjoni moghtija minnha.

- Flimkien ma' dak li nghad fil-paragrafu precedenti, il-Qorti tinnota wkoll kif ix-xhud Suzanne Abela segwiet il-*van* li fih dahlet il-persuna wara li semghet hafna ghajjat f'Birzebbugia f'liema *van* kien hemm iz-zewg imputati li gew arrestati mill-Pulizija li marru fejn bdiet tindikalhom Abela. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-verzjoni moghtija minn Stephen Farrugia meta ta d-depozizzjoni tieghu.

Illi wara li Qorti ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet t'hawn fuq ser issa taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront taz-zewg imputati.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>Artikoli 261(a), 262, 274(c), 274(d), u 276A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati li dakinhar tat-3 ta' Awwissu 2013 huma kkomettew serq minn fuq il-persuna ta' Rose Galea. Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti jirrizultalha li effettivament l-imputati kkommettew ir-reat ta' serq kif addebitat lilhom fl-ewwel (1) imputazzjoni fir-rigward ta' Galea li spjegat x'gie misruq lilha meta kienet Birzebbugia. Haidon stess ikkonfermat li fil-portmoni li gie misruq minn Birzebbugia kien hemm €14.00.

Illi taht din l-imputazzjoni qed jigi addebitat fil-konfront taz-zewg imputati l-kwalifika tal-vjolenza. Wara li l-Qorti hadet konjizzjoni ta' dak li jiddisponi Artikolu 262 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minkejja li l-Prosekuzzjoni ezebiet ic-certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok. "CF 7" (*a fol.* 120) dan ic-certifikat baqa' qatt ma gie konfermat bil-gurament minn min rilaxxah u ghaldaqstant ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li giet kagunata ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rose Galea. Il-Qorti tinnota li meta Galea giet mistoqsija jekk sofrietx xi griehi, hija wiegbet: *"Daqqa go dahri, imma l-aktar ix-xokk kbir li ghadni bih"* (*a fol.* 56). Tenut kont ta' dan kollu, u mehud ukoll in konsiderazzjoni dak li jiddisponi Artikolu 262 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li l-

kwalifika tal-vjolenza ma gietx pruvata u b'hekk filwaqt li l-imputati ser jigu misjuba hatja li kkommettew serq fuq il-persuna ta' Rose Galea fl-ammont li ma jeccediex it-€23.29, huma ser jigu liberati mill-kwalifika tal-vjolenza. B'hekk m'humiex ser jigu applikati Artikoli 262, 274(c), 274(d), u 276A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif mitlub mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>Artikoli 221 u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati li kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rose Galea. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet li diga saru f'dan ir-rigward fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu liberati minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis** deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> "Biex ikun hemm ħtija taħt l-Artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: *'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'*. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-Artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B(1) jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-provi mismugha minn din il-Qorti, il-Qorti tikkonkludi li ma giex pruvat il-*course of conduct* li huwa rikjest sabiex jissusisti dan ir-reat u ghaldaqstant l-imputati mhux ser jinstabu hati tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghhom u b'hekk ser jigu liberati minnha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati li ghamlu hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBD 806 ghad-dannu ta' David Dalli.

Illi l-Qorti tinnota li fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 98) gie verbalizzat is-segwenti:

> "Il-Prosekuzzjoni b'riferenza ghar-rekwizit numru 5 tar-rinviju tal-Avukat Generali datat it-18 ta' Novembru 2013 tiddikjara illi minn naha tal-Prosekuzzjoni kienu ghamlu kuntatt max-xhud Suzanne Abela da parte tal-Prosekuzzjoni, fejn hi stqarret li l-vettura li kienet dak inhar biha, kienet ta' huha certu David Abela. Is-sottoskritt kien ghamel kuntatt mieghu telefonikament fejn kien wera x-xewqa li ma jiehux passi fil-konfront tal-imputati dwar il-hsarat minhabba li l-fatt li hu ddikjara li ma kien hemm l-ebda hsara misjuba fil-vettura tieghu".

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont tal-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx xi prova ohra fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, ma jirrizultax li din l-imputazzjoni giet pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu liberati minnha.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 41(1)(a), 261(a), 262, 274(c), 274(d) u 276A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzat b'tentattiv ta' serq fil-konfront ta' Giuseppa Mifsud. Bhal fil-kaz tal-ewwel (1)

imputazzjoni, il-Qorti jirrizultalha li effettivament l-imputati ghandhom jinstabu hatja ta' tentattiv ta' serq kif addebitat lilhom fil-hames (5) imputazzjoni fir-rigward ta' Giuseppa Mifsud li spjegat x'kien ser jigi misruq lilha meta kienet iz-Zejtun. Fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju l-Avukat Generali jidhirlu li anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni ghandhom jigu applikati s-segwenti Artikoli: Artikoli 261(a), 262, 274(c), 274(d) u 276A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fid-depozizzjoni taghha Mifsud tghid li giet moghtija daqqa go widnejha bil-ponn (*a fol.* 57). Filwaqt li l-Qorti ma jirrizultalhiex li Mifsud sofriet xi griehi, ma jirrizultax anqas dak li jirrikjedi Artikolu 262 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jispjega x'jikkwalifika serq bi vjolenza. Tenut kont ta' dan, l-Artikoli 262, 274(c), 274(d) u 276A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kwotati mill-Avukat Generali fir-rigward ta' din l-imputazzjoni ma jirrizultawx.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni**
**(Artikoli 221 u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati li kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Giuseppa Mifsud. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet li diga saru f'dan ir-rigward fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, inkluz il-fatt li ma gie ezebiet l-ebda certifikat mediku fir-rigward ta' Giuseppa Mifsud, din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu liberati minnha.

**Is-Seba' (7) Imputazzjoni**
**(Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi ghall-istess ragunijiet imsemmija hawn fuq fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, liema ragunijiet ghandhom japplikaw ghas-seba' (7) imputazzjoni, il-Qorti tikkonkludi li ma giex pruvat il-*course of conduct* li huwa rikjest sabiex jissusisti dan ir-reat u ghaldaqstant l-imputati mhux ser jinstabu hati tas-seba' (7) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghhom u b'hekk ser jigu liberati minnha.

**It-Tmien (8) Imputazzjoni**
**(Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati bir-ricettazzjoni. Din l-imputazzjoni ma tirrizultax. Ghaldaqstant, l-imputati ser jigu liberati minnha.

**<u>Id-Disa' (9) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi fid-disa' (9) imputazzjoni ssir riferenza ghas-sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2010 mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman fil-konfront ta' Anthony Theuma. Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ezebiet zewg vera kopji ta' sentenzi moghtija fil-konfront ta' Anthony Theuma. Dawn huma s-segwenti: Dok. "CC 12" (*a fol.* 140 *et seq.*) u Dok. "CC 13" (*a fol.* 143 *et seq.*). Minkejja li l-konnotati f'dawn iz-zewg sentenzi huma identici ghal dawk tal-imputat Anthony Theuma fil-kawza odjerna, il-Qorti tinnota li filwaqt li s-sentenza mmarkata bhala Dok. "CC 12" giet moghtija fl-4 ta' Frar 2008 mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi, is-sentenza mmarkata bhala Dok. "CC 13" giet moghtija fis-16 ta' Novembru 2011 mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona. B'hekk, tenut kont ta' dak li gie addebitat bih l-imputat Anthony Theuma taht id-disa' (9) imputazzjoni ma jistghax jinghad li din l-imputazzjoni giet pruvata *stante* li din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2010 mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman. B'hekk l-imputat Anthony Theuma ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**<u>L-Ghaxar (10) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ezebiet zewg vera kopji ta' sentenzi moghtija fil-konfront ta' Redeemer Theuma. Dawn huma s-segwenti: Dok. "CC 14" (*a fol.* 146 *et seq.*) u Dok. "CC 15" (*a fol.* 149 *et seq.*). Minkejja li l-konnotati f'dawn iz-zewg sentenzi huma identici ghal dawk tal-imputat Redeemer Theuma fil-kawza ojderna, il-Qorti tinnota li filwaqt li s-sentenza mmarkata bhala Dok. "CC 14" giet moghtija fil-11 ta' Marzu 2004 mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti, is-sentenza mmarkata bhala Dok. "CC 15" giet moghtija fl-10 ta' Mejju 2012 mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli. B'hekk, bhal fil-kaz tad-disa' (9) imputazzjoni, tenut kont ta' dak li gie addebitat bih l-imputat Redeemer Theuma taht l-ghaxar (10) imputazzjoni ma jistghax jinghad li din l-imputazzjoni giet pruvata *stante* li din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal sentenza moghtija fit-12 ta' Mejju 2012 mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli. B'hekk l-imputat Redeemer Theuma ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**<u>Recidiva</u>**
**<u>(Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-imputati qed jigu akkuzati wkoll li huma recidivi taht Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni ezebiet il-fedina penali taz-zewg imputati li gew immarkati bhala Dok. "CC 3" (*a fol.* 6) u Dok. "CC 4" (*a fol.* 7 *et seq.*).

Illi l-Qorti tinnota li l-imputat Anthony Theuma ser jigi kkunsidrat li huwa recidiv biss *ai termini* ta' Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li filwaqt li fis-sentenza mmarkata bhala Dok. "CC 12" (*a fol.* 140 *et seq.*) l-imputat Anthony Theuma gie kkundannat ghall-hlas ta' multa u ma giex pruvat jekk din gietx imhallsa u b'hekk ma jirrizultax li l-piena giet skontata skond kif jirrikjedi Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[6], fis-sentenza mmarkata bhala Dok. "CC 13" (*a fol.* 143 *et seq.*) l-imputat imsemmi gie kkundannat sentenza sospiza t-terminu ta' liema kien ghadu ghaddej fit-3 ta' Awwissu 2013.[7]

Illi fir-rigward tal-imputat Redeemer Theuma, il-Qorti tinnota li anke l-imputat Redeemer Theuma ser jigi kkunsidrat li huwa recidiv biss *ai termini* ta' Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li filwaqt li fis-sentenza mmarkata bhala Dok. "CC 14" (*a fol.* 146 *et seq.*) l-imputat Redeemer Theuma gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena[8], fis-sentenza mmarkata bhala Dok. "CC 15" (*a fol.* 149 *et seq.*) l-imputat gie kkundannat sentenza sospiza t-terminu ta' liema kien ghadu ghaddej fit-3 ta' Awwissu 2013.[9]

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-imputati, abbazi tal-principju *il piu' comprende il meno*, ser jigu misjuba hatja li kkommettew ir-reat ta' serq semplici *ai termini* ta' Artikolu 285 tal-

---

[6] *Vide* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Said.**
[7] *Vide* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Gunju 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony sive Antoine Rapa**.
[8] *Vide* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' April 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Zahra**.
[9] *Vide footnote* 7.

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll ta' attentat ta' serq semplici iehor. L-imputati ser jigu kkunsidrati li huma recidivi *ai termini* ta' Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali taz-zewg imputati (Dok. "CC 3" – *a fol.* 6 u Dok. "CC 4" – *a fol. 7 et seq.*), in-natura tar-reati addebitati lilhom u li gew pruvati u l-fatt li huma recidivi *ai termini* ta' Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tinnota wkoll li Artikolu 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Il-ħati ta' serq sempliċi jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa sitt xhur:
>
> Iżda jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur".

Illi tenut kont tal-kontenut tal-fedina penali taz-zewg imputati, il-Qorti ser taghti piena diversa fil-konfront taz-zewg imputati u dana peress li l-imputat Anthony Theuma ghandu l-fedina penali tieghu aktar kulurita minn dik ta' ibnu l-imputat Redeemer Theuma u minhabba l-fatt li l-imputat Anthony Theuma kellu jkun ta' ezempju ghall-ibnu, minkejja li dan huwa wkoll maggiorenni.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li filwaqt li fir-rigward tal-imputat Anthony Theuma ghandu jigi mpost terminu ta' prigunerija li ma jkunx wiehed effettiv pero jkun wiehed sospiz, fir-rigward tal-imputat Redeemer Theuma ghandu jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputat imsemmi jaghraf jimxi fit-triq it-tajba u jaghraf ipoggu hajtu f'tali triq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputati hatja tal-kwalifika tal-vjolenza taht l-ewwel (1) imputazzjoni u kif ukoll tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tat-tmien (8), tad-disa' (9), u tal-ghaxar (10) imputazzjoni u anqas li huma recidivi *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tillibera lill-imputati minn dawn kollha, wara

li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 18 ta' Dicembru 2013 u senjatament Artikoli 41(1)(a), 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Anthony Theuma u Redeemer Theuma hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni (minghajr il-kwalifika tal-vjolenza) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u kif ukoll li huma recidivi *ai termini* ta' Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u filwaqt li:

- fir-rigward ta' Anthony Theuma tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' hmistax (15) il-xahar;

- fir-rigward ta' Redeemer Theuma, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Redeemer Theuma taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' sentejn mil-lum, liema ordni hija soggetta ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lil Anthony Theuma fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien hmistax (15) il-xahar.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Redeemer Theuma bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dak l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi

minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Redeemer Theuma.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputati jigu kundannati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li ma jirrizultax li gew imqabbda ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**